

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-Brażil għal uċuħ tar-raba’ li jipproduċu żerriegħa tal-pjanti tal-ġhalf, u għal uċuħ tar-raba’ li jipproduċu żerriegħa taċ-ċereali, u fir-rigward tal-ekwivalenza taż-żerriegħa tal-pjanti tal-ġhalf u ż-żerriegħa taċ-ċereali prodotti fil-Brażil, kif ukoll fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-Moldova għal uċuħ tar-raba’ li jipproduċu żerriegħa taċ-ċereali, uċuħ tar-raba’ li jipproduċu żerriegħa tal-ħxejjex, u fir-rigward tal-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali, taż-żerriegħa tal-ħxejjex u taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fil-Moldova”

(COM(2017) 643 final — 2017/0297 (COD))

(2018/C 367/26)

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 18.6.2018
Bażi legali	Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fil-plenarja	11.7.2018
Sessjoni plenarja Nru	536
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	166/0/4

Fit-18 ta’ Ġunju 2018, il-Kunsill iddeċieda li jressaq għall-konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew it-test ta’ kompromess 9299/18 approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta’ April 2018, wara l-modifika tal-bażi legali li tirreferi għall-Artikolu 43(2) tat-TFUE.

Billi diġà ta fehmto dwar il-kontenut ta’ din il-proposta fl-Opinjoni tiegħu EESC 2018/00043 (NAT/726), adottata nhar l-14 ta’ Frar 2018 (*), il-Kumitat iddeċieda, matul il-536 sessjoni plenarja tiegħu tal-11 u t-12 ta’ Lulju 2018 (seduta tal-11 ta’ Lulju 2018), b’166 vot favur, l-ebda vot kontra u 4 astensjonijiet, li ma jfassalx opinjoni ġdida dwar il-kwistjoni, iżda li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, il-11 ta’ Lulju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

(*) ĠU C 227, 28.6.2018, p. 76.